# Il-Kappellun ta' l-Agunija

Anton Morana

Għamilt ħafna żmien infittex biex insib ritratt kif kien il-Kappellun ta' l-Agunija qabel il-gwerra li għaddiet iżda qatt ma rnexxieli nsib wieħed. Kulħadd kien jgħidli kif kien dan il-Kappellun, u kien hemm min jiftakru sewwa u tani ħafna dettalji. Iżda ftit tax-xhur ilu kellu jkun Joseph Grima li tani l-aħbar li James Aquilina kien irnexxielu jsib dan ir-ritratt. Kont naf li jeżisti ritratt ta' dan il-Kappellun għax fil-kotba tal-Fabrika tal-Knisja, jiġifieri l-Kotba tal-Kontijiet, hemm imniżel li l-Monsinjur Debono, Kappillan ta' Ħal Luqa (1936-1956), qabel ma tkisser il-Kappellun biex jinbena mill-ġdid, ġab lil fotografu Cianco biex jieħu r-ritratti. Dawn ir-ritratti qatt ma nstabu fl-Arkivju u issa nstabu għand persuna minn Birkirkara. Ritratti ta' l-altar tal-Kor u taċ-Ċintura għadhom jeżistu, iżda tal-Kappellun ta' l-Agunija u tar-Rużarju, ma kienu jidhru mkien.

Dan il-Kappellun jgħidulu ta' l-Agunija għax fih hemm l-altar imsejjaħ ta' l-Agonizanti. L-istorja kif beda jissejjaħ hekk tinsab fil-ktieb ta' Dun Ġużepp Micallef: *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*. Meta sar il-Kappellun ta' l-Agunija kif jidher f'dan

*għal paġna 16*



Ir-ritratt misjub minn James Aquilna li juri kif kien il-Kappellun ta' l-Agunija qabel l-aħħar gwerra dinija. Jidher ċar li kien diga' tneħħa l-altar u ngħata bidu tax-xogħol li wassal biex inbidel totalment.

Saviour Magro Ironmongery

jispeċjalizzaw fl-għodda u fis-sistemi ta' l-Intercom

Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra, Luqa

Tel: 2166 7339




Ladies Wear and Accessories

22, Triq San Ġorġ, Luqa

Tel: 2167 3219

G. DARMANIN

Service Station

Valletta Road Luqa




Tel: 21667109

# Il-Kappellun ta' l-Agunija

*minn paġna 15*

ir-ritratt? L-altar kien tas-Sodalita' ta' l-Agonizanti fis-Seklu 18, anzi kmieni fis-Seklu 18. Il-kwadru beda juri l-Kruċifissjoni u fuqu twaqqfet ukoll il-Fratellanza tad-Duluri fl-1746. Kienet issir il-festa tas-Salib fit-3 ta' Mejju u fuqu kien hemm esposta s-sena kollha, kif għadu jsir illum, ir-relikwa tas-Salib Imqaddes. Dan l-altar għandu wkoll lampier tal-fidda li jġib id-data 1765. Aktar 'il quddiem, fuq dan l-altar tpoġġa l-Korp Sant ta' San Feliċissimu, statwa sabiħa ferm ta' Pietru Pawl Azzopardi li nħadmet fl-1834.

Hemm ħafna xi tgħid fuq is-sbuħija ta' dan il-Kappellun iżda r-ritratt jitkellem waħdu. L-iskultura saret fis-Seklu 18 u nafu ta' min hi wkoll u kemm qamet flus. Dan ix-xogħol huwa ta' Pietru Pawl Zahra. Qamet xi 115-il skud (ara Ktieb ta' l-ispejjes ta' dan l-altar li jinsab fl-Arkivju tal-Kurja). Kienet il-moda dak iż-żmien li l-knejjes tagħna kienu jiddekorawhom b'ħafna skultura Barokka. U hekk għamlu fil-knisja parrokkjali tagħna, meta setgħu. Jekk tħares sew lejn dan ir-ritratt tinduna li l-iskultura tiddomina fuq kollox biex joħroġ l-effett tal-pittura fiċ-ċentru. L-iskultura ma kienetx isir biex tkun iddekorata, għax l-effett ta' l-iskultura kien joħroġ waħdu. Kieku kellek tagħmel studju sew dan il-Kappellun isib li huwa maqsum f'xi erba' partijiet. Iżda l-effett tal-kompożizzjoni ta' l-iskultura jagħti dehra sħiħa lil din il-festa ta' skultura.

Jispikkaw konna nsibu ż-żewġt anġli kbar li hemm fuq kull naħa tal-kwadru u l-ħafna sħab u puttini li jidhru l'hawn u l'hemm sa fuq l-arzella. Sbieħ huma l-pilastri tal-Kappellun, avolja l-kapitelli huma ta' stil Korint, filwaqt li l-pilastri l-oħra huma stil Doriku. Interessanti wkoll huma ż-żewġ armi ta' Isqfijiet li hemm fuq kull naħa, isfel nett fuq il-gwarniċa taz-zokk-latura.

Mir-ritratt ma nistax ngħid ta' min huma dawn l-armi, iżda kienet moda wkoll li meta kien isir xogħol bħal dan, kienet isir l-arma ta' l-Isqof. F'dan il-każ huma tnejn. Fil-Kor l-antik tal-knisja, kien hemm l-armi ta' l-Isqof Alferan de Bussan u ta' Sant' Andrija. Illum ukoll fuq il-Kor hemm l-armi ta' l-Arċisqof Gonzi u xi Isqof ieħor u ta' Sant' Andrija. Biss hija rari ħafna li tara ħaġa bħal din issir fuq altari bħal dawn. It-tieqa fl-arzella hija mdawra bl-iskultura wkoll. Il-kwadru ta' l-Agunija għadu jeżisti u hu l-istess li hemm fil-Knisja llum. Jidher li meta sar il-Korp Sant ta' San Feliċissimu saret in-niċċa li poġġewh fiha.



Il-Kappellun ta' l-Agunija kif inhu llum.

Hekk illum nafu kif kien dan il-Kappellun u nistgħu napprezzaw x'kienu kapaċi jagħmlu in-nies ta' qabilna fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa. Issa jonqos li nsibu ir-ritratt l-ieħor ta' l-altar tar-Rużarju biex nieħdu stampa ċara ta' kif setgħet kienet il-knisja minn ġewwa qabel l-aħħar gwerra dinija. Dan ukoll jagħmel parti mill-patrimonju ieħor ta' Ħal Luqa li spiċċa darba għal dejjem iżda li b'xorti tajba għandna ritratt li juri x'kien hawn.

**Luqa St. Andrew's Football Club**

**Dione Zammit**

Għal xorb ġenwin f'atmosfera ta' ħbieb

**Live Football on Big Screen from the Great Dione**

**Ta' Balal**

Prop: Emanuel Gatt

Triq il-Ġdida, Luqa

Tel: 21809351

Automatic Fuel Service with Cash and/or Card

General Tyre Repairs and New Tyres also Lubricants, Auto Parts and other Accessories

**Telstar Butcher**

Misraħ iż-Żgħażagħ Luqa

Tel: 21897927